MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1314/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**JOSEPH SPITERI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH SPITERI,** ta' 34 sena, iben Joseph u Maria Concetta nee' Debono, imwieled Pieta', fil-5 ta' Marzu 1975, residenti 26, 'Everest', Flat 2, Triq Emmanuel Attard, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 152775(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

Fin-Naxxar, fil-perjodu ta' bejn l-4 ta' Settembru u l-21 ta' Novembru 2008, f'diversi okkazjonijiet ikkommetta serq ta'

flus kontanti minn go l-Ufficju tal-Posta Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li globalment jeccedi s-somma ta’ €232.93 izda inqas minn €2329.37 u bil-persuna u li sar ghad-detriment ta’ l-amministraturi ta’ l-istess fond;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkonsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ flus kontanti, liema haga giet fdata jew ikkonsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

U aktar talli fl-istess perjodu, f’dawn il-Gzejjer, bi hsara ta’ haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu;

U aktar talli fil-perjodu ta’ bejn id-9 ta’ Gunju u t-13 ta’ Ottubru 2008, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan it-Titolu;

U finalment akkuzat ukoll talli fil-perjodu ta’ bejn id-9 ta’ Gunju u l-21 ta’ Novembru 2008, f’cirkostanzi varji, bhala ufficjal ta’ operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid, il-fedina penali tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali.

Semghet ix-xhieda ta’ **Dr Paul Micallef** tat-8 ta’ April 2011 fejn iddikjara li qed jixhed bhala rapprezentant tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Kommunikazzjoni. Huwa esebixxa ittra li giet immarkata bhala Dokument 1 li hi ffirmata minnu datata 18 ta’ Dicembru, 2009 indirizzata lis-Supt. Silvio Valletta. Din ghandha l-*caption* procedure kontra Joseph Spiteri detentur tal-karta tal-identita’ numru 152775M. Din l-ittra kienet b’risposta ghal ittra li kienu rcevew huma bhala awtorita’ tat-13 ta’ Dicembru, 2009

minghand l-istess pulizija. Ix-xhud spjega li f’din l-ittra huma qed jaghtu l-kunsens taghhom biex a tenur tal-Kap. 254 tal-Ligijiet ta’ Malta l-pulizija tkun tista’ tibda l-proceduri kontra Joseph Spiteri talli dan agixxa bi ksur tal-artikolu 75 tal-istess Kap. 254. Huwa spjega li din hija formalita’ ghax l-Awtorita’ per se ma tkunx dahlet fid-dettalji tal-kaz.

**L-Ispettur Michael Mallia** xehed fit-3 ta’ Dicembru 2013 fejn iddikjara li fis-17 ta’ Frar 2009 il-pulizija kienet irceviet rapport minghand is-sur Joe Gafa fil-kapacita tieghu bhala Chief Executive Officer fil-Maltapost Plc, dwar xi attivitajiet irregolari li kienu qed jigu kommessi minn wiehed mill-istaff tieghu Joseph Spiteri, li huwa l-imputat peress li mbaghad gie mitkellem fil-kwartieri generali tal-pulizija ukoll. Dan skont ir-rapport tas-sur Gafa l-Ispettur kien gie nfurmat li kienet saret investigazzjoni interna minn naha tal-Maltapost, fejn kien apparentament jidher anke kif jidhru fuq l-istess dokumenti li kienu prezentawlu tal-Maltapost stess li s-Sur Spiteri kien sarraf hdax-il cekk minn cheque book personali tieghu ma’ flus li kien ha kontra dawn ic-cekkijiet mill-ufficcju tal-Posta minn fejn kien jahdem huwa stess, l-ufficcju tal-Posta kien in-Naxxar. Il-Posta kienu nfurmawh ukoll li apparti dan wara li kienu ezaminaw ix-xoghol tieghu u dak kollu li kien relatat bhala dokumenti max-xoghol tieghu f’dan l-ufficcju, kienu skoprew ukoll li kien ghamel firem f’isem persuni ohra fuq *stamp vendor’s licence forms*, li huma formoli maghmula ad hoc mill-Posta stess sabiex *stamp vendor* licenzjat ikun jista jixtri bolol minghand l-istess Posta. Skont dak li kien jirrizulta mill-investigazzjoni li kienu ghamlu kien jidher li l-istess Joseph Spiteri kien qieghed jiffirma dawn l-istess formoli u kien jiehu bolol mill-istess ufficcju u jghaddihom lil haddiehor li kien licenzjat, ghalkemm l-istess Joseph Spiteri ma kienx licenzjat bhala *stamp vendor* huwa nnifsu.

Rigward ic-cekkijiet li kien sarraf mill-istess ufficcju s-sur Spiteri kien jidher li seta’ jaghmel dan fis-sistema kompjuterizzata tal-istess ufficju li tissejjah bhalh HERMS billi huwa kien ikollu jixtri xi haga anke ta’ valur zghir hafna, u f’dan il-kaz kienet tkun bolla ta’ ftit centezmi,

sabiex huwa kien ikun qed jidher li qed jaghmel dan il-hlas permezz ta’ cekk, pero’ mbaghad ic-cekk ovvjament kien ikun ferm aktar bhal ammont minn dak li tiswa l-istess bolla li huwa kien jixtri. Din fil-fatt kienet saret konsekuttivament, pero’ mal-ewwel zewg okkazjonijiet kienu gibdulu l-attenzjoni minhabba l-fatt partikularment li l-istess cekkijiet, kienu jigu lura *referred to drawer* minhabba li l-istess Spiteri ma kienx ikollu flus sufficjenti fil-kont tieghu. Dawn kienu fil-fatt wissewh u tawh ic-cans li jiddeposita l-flus fil-kont bankarju tieghu. Fil-verita kien ghamel dan u kien infurmahom u kienu sarrfu dawn ewwel zewg cekkijiet, pero’ ftit tal-jiem wara rega’ ghamel l-istess haga, meta l-account tieghu kien ghadu vojt. Din baqghet tigi ripetuta u b’kollox skont l-informazzjoni li ghaddewlu mill-Maltapost, din saret ghal hdax-il darba. L-ammonti kienu jvarjaw pero’ fil-maggorparti taghhom ma jidhirx li f’kull okkazzjoni kienu jaqbzu l-ammont ta’ mitt euro. Fir-rigward ta’ xiri tal-bolol pero’ l-imputat jidher li kien ihallas l-ammont dovut lil Maltapost, pero’ l-*concern* kienet ghax huwa kien qieghed jixtrihom billi jimla’ formola fuq isem persuna ohra u kien jiffirma hu mentri fuq l-istess formola suppost kien ikun kemm il-firma tieghu kif ukoll il-firma ta’ l-*stamp vendor*. Pero’ f’dan il-kaz hu kien qieghed jiffirma kemm fuq il-firma fejn suppost kien jiffirma hu bhala l-persuna responsabbli mill-ufficcju kif ukoll fil-post fejn suppost kien jiffirma l-istess *stamp vendor*.

L-Ispettur meta kien baghat ghalih fl-ufficcju tieghu s-sur Spiteri kien irrilaxxa stqarrija fejn kien spjega dan kollu bazikament bejn wiehed u iehor ic-cirkustanzi, l-istess kliem li kienu qallu tal-Maltapost, kemm rigward ic-cekkijiet kif ukoll rigward ix-xiri tal-bolol. Pero’ rigward ic-cekkijiet kien specifika u kien qallu li fl-ewwel okazzjoni wara l-ewwel zewg cekkijiet li kien ghamel, huwa kien gralu hekk ghaliex fl-istess perjodu huwa kien ircieva xi kont tad-dawl personali tieghu u ma kienx jaf, li kien ser jahbat li jissarraf fl-istess perjodu, pero’ ovjament rigward il-fatt li din regghat grat ghal diversi drabi ma kienx ta’ spjegazzjoni dwarha. Rigward l-*istamp vendor form*, huwa kien qal li kien hazzez fuq il-formola, pero’ ma kienx iffirma ghax skont hu, hu ma kienx ikollu kopja tal-firma

tal-*istamp vendor* pero' kien hazzez tahziza biex din tirriplejsja l-firma li suppost kien iffirma l-i*stamp vendor*.

L-Ispettur f'dan l-istadju ipprezenta dokumenti li qeghdin immarkati diga, li huma dokumenti li Dok H sa Dok H4 u dawn huma *requisition forms* u *stamp requisition forms*. Huwa esebixxa wkoll dokumentazzjoni mahruga mill-bank immarkati bhala Dok A1 u Dok B1, seperatament u Dok C4 u dokumenti ohra Dok C li huwa dokument ukoll mahrug mill-Maltapost li huwa ukoll *requisition order* u Dok C5 li huma ricevuti ta' xiri mill-istess ufficju. Huwa esebixxa l-istatements tal-imputat fl-istadju interjuri. Huwa spjega li kif qeghdin immarkati huwa kif ghamel referenza ghalihom fl-istqarrija dwarhom bl-istess Dok numbers.

In kontro ezami l-Ispettur gie mistoqsi jekk fil-fatt il-Maltpost gietx risaldata tad-danni li soffriet u wiegeb li huwa ghadu kif ghamel l-istess mistoqsija lill-*complainant*, dakinhar tas-seduta filghodu stess, ghax dan kien qed jistenna biex jixhed u fil-fatt qal li jidhirlu li sallum kollox huwa regolarizzat. Mistoqsi meta effettivament inqala' dan il-kaz wiegeb li r-rapport huma rcevewh fis-17 ta' Frar 2009, rigward transazzjonijiet li kienu saru bejn Settembru u Ottubru 2008. Sussugwentament huma hadmu fuqu minnufih u ressquh il-qorti fis-17 ta' Dicembru 2009.

**Joseph Gafa'** xehed fit-3 ta' Dicembru 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer mal-Maltapost. Mistoqsi mill-qorti jekk jafx lill-imputat odjern, wiegeb li jafu, u jafu bhala mpjegat tal-Maltapost u jismu Joseph Spiteri. Huwa spjega li hu kien ipprezenta rapport fil-konfront tal-imputat lill-pulizija. Ix-xhud jiftakar li fil-fatt huwa kien baghat rapport bil-miktub lill-pulizija fis-17 ta' Frar 2009. Huwa tenna li l-imputat kien jahdem go hanut minn taghhom, u fil-pussess tieghu kien ikollu l-flus tal-kumpanija, u waqt ix-xoghol tieghu huwa qabad hdax-il cekk personali tieghu, u dan matul medda ta' zmien, fejn sarraf dawn ic-cekkijiet billi ha cash minn ghandhom stess. Huwa ghandu lista ta' dawn ic-cekkijiet liema lista giet esebita u l-Qorti mmarkatha bhala Dokument JG.

Ix-xhud iddikjara li peress li rrizultalhom li l-imputat kien involut f’certu irregolaritajiet, huma ghamlulu *charges* quddiem il-bord tad-dixxiplina. Fil-fatt dan id-dokument li ghadu kif esebixxa Dok. JG jindika l-istess cekkijiet li huma kienu pprezentaw quddiem il-bord tad-dixxiplina. Waqt li kienet ghaddejja din l-investigazzjoni in-nies tad-Dipartiment tal-Finanzi tal-Posta indunaw effettivament li whud minn dawn ic-cekkijiet ibbownsjaw u fil-fatt l-istess nies kienu gibdu l-attenzjoni tal-imputat izda l-imputat irrepeta l-agir tieghu. Kien ghalhekk li saret din l-investigazzjoni u mill-investigazzjoni rrizulta li effettivament kien hemm numru tac-cekkijiet, oltre dan irrizulta ukoll li allegatament l-imputat kien iffalsifika firma ta’ *stamp vendor* u cioe’ dawk in-nies li kienu nkarigati biex ibieghu l-bolol lill-pubbliku, u billi qabad *requisition order* u ffirma f’isem persuna skonoxxuta u cioe’ f’isem il-persuna ta’ Renald Attard. Huwa esebixxa dokumentazzjoni relatata mal-licenzja li giet moghtija lil dan Renald Attard u l-Qorti mmarkat din id-dokumentazzjoni bhala dokument JG1. Huwa esebixxa wkoll kopja tar-rapport li rcevew mid-dipartiment tal-finanzi li gie mmarkat mill-qorti bhala dokument JG2. Dan id-dokument huwa ffirmat minn Ian Alamango, rapprezentant tad-dipartiment tal-Finanzi fil-Posta. Huwa esebixxa wkoll kopja tar-rapport tieghu, li ghadda lill-pulizija, u li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument JG3.

Ix-xhud gie muri dokumenti esebiti f’dawn l-atti, fosthom numru ta’ requisitions li huma mmarkati komplessivament bhala dokument H, H1, H2, H3, H4 u Dok C u Dok C5. Dawn huma kollha dokumentazzjoni mahruga mill-Maltapost. Dokument H sa H3 huma *requisitions* ta’ *stamp vendor* meta jordnaw il-bolol, li gew falsifikati. Dok C5 huma zewg sales li ghamel naturalment huma *supporting documents* ghad-dokumentazzjoni l-ohra. Dokument C din hija wkoll *requisition order* ohra ta’ bolol. Ix-xhud tenna li l-imputat ikollu access fil-hanut ghall-bolol u naturalment ghall-flus tal-bejgh u affarijiet ohra propjeta’ tal-Maltapost li jkunu ghal bejgh. Fis-sistema kompjuterizzata taghhom maghrufa bhala Swift. L-imputat ikun jista’ jaghmel *transactions* regolari. Naturalment gieli huwa kien qed jiehu l-flus mill-flejjes tal-Maltapost u jhallas bic-cekkijiet

minn tieghu, pero' dan ma jikkorrespondux effettivament ghas-sales li saru. Naturalment kien ghamel ukoll *requisitions* f'isem haddiehor bla permess tieghu.

Ix-xhud iddikjara li waqt l-investigazzjoni li ghamlu huma l-imputat kien gab ukoll l-istatements tieghu personali u kien jidher car ukoll li mill-istatements l-imputat ma kellux flus meta effettivament hareg dawk ic-cekkijiet. Huwa stqarr li s-sistema originali li kellhom fil-Maltpost kienet maghrufa bl-isem ta' Hermis pero' llum il-gurnata hija maghrufa bl-isem ta' Swift. Naturalment biex cekk jidhol fis-sistema taghhom, trid issir transazzjoni u ghalhekk kienet issir din l-ispeci ta' requisition sabiex taghmel tajjeb ghal hrug tac-cekk. Fil-fatt ic-cekk kien isir biex taparsi jkun biegh xi bolla. Ghalhekk biex l-imputat seta' jiehu l-flus kellu jsir transaction ta' bejgh u dan ghax ic-cekk, in-numru tieghu irid jidhol fis-sistema. Mistoqsi jekk tkellimx mal-istamp vendor in kwistjoni wiegeb li huwa personali ma tkellimx.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-ghaxra (10) ta' Dicembru 2013.

Rat dak li gie verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur u cioe':

1. Illi l-imputat hallas id-danni kollha sofferti mill-Maltapost u li ghalhekk l-Maltapost m'ghandha ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.
2. Illi l-imputat huwa wiehed minn sensiela ta' persuni mressqa l-Qorti b'reati in konnessjoni ma' ksur ta' att dwar il-Probation u ai fini ta' uniformita' ma jsib ebda oggezzjoni li l-imputat jinghata piena skont il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi huwa qed jirtira l-hames akkuza fil-konfront tal-imputat u jiddikjara li mhux qed jinsisti fuq l-interdizzjoni tal-imputat.

Rat dak li gie vverbalizzat mill-imputat illi huwa qatt ma kien ufficjal pubbliku u dan il-fatt ma giex kontestat mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat ezebita a fol 4 tal-process u qieset il-fatt illi l-imputat ghandu fedina nadifa bla ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk ghandu jigi trattat daqs li kieku hu *a first time offender*. Mehud dan il-fatt flimkien ma’ dak li gie verbalizzat mill-Ufficjal Prosekutur il-Qorti hija tal-fehma illi hija ghandha tapplika l-ligi tal-Probation.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 189, 293, 294, 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-ewwel erba’ akkuzi u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mill-lum u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames akkuza peress illi dina giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta’ dawn il-proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------